MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2013

Numru. 1182/2012

**Il-Pulizija
(Spettur Kevin Pulis)**

**vs**

**ROBERT MICHAEL JOSEPH GRIXTI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Robert Michael Joseph Grixti bin Michael u Carmen nee' Magro mwieled fil-01/01/1971 u joqghod 5B, 6, Dolce Casa, Trejqet il-Barrieri, Zurrieq. I.D. 110187(M).

Gie akkuzat/a talli fid-09 ta' Novembru, 2011 ghall-habta ta' 04:45pm fi Triq Blue Grotto Avenue, Zurrieq, waqt li

kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCI 087;

1) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAV362 w ikkaguna hsara fl-imsemmija vettura ghad-dannu ta' Carmel Grixti.
2) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Carmel Grixti skond ma' ccertifika Dr Malcolm Buhagiar M.D. reg no 8270 mill-Isptar Mater Dei.
3) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Romina Vassallo skond ma' ccertifika Dr Mark Bugeja M.D. reg no 1768 mill-Isptar Mater Dei.
4) waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura u riesaq lejn pedestrian crossing naqas li jnaqqas il-velocita u jieqaf waqt li kienet qed tigi uzata mill-pubbliku.
5) saq l-imsemmija vettura b'velocita li teccedi l-limitu preskritt bil-ligi.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok PK 1 u nnutat li l-imputat  Robert Michael Joseph Grixti m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-

ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Carmel Grixti presenti fl-Awla iddikjara li thallas mill-Insurance.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-art. 328, 226(1)(b) u 226(1)(c) tal-Kap. 9 u r-Regolamenti 89 u 127 tal-A.L. 128/1994.

Issib lill-imputat Robert Michael Joseph Grixti, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Robert Michael Joseph Grixti ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija u mitejn u hamsin Ewro (Ewro 250) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn (2) millum l-imputat Robert Michael Joseph Grixti jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Robert Michael Joseph Grixti milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur millum.
Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Robert Michael Joseph Grixti l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------